TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/196/21/S

Karl Cassar
vs
Mario Chircop eżerċenti l-kummerċ bħala MC Restorations

Illum 1 ta' Frar,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carl Cassar ippreżentata fil-15 ta' Novembru, 2021, kif ukoll ir-risposta ta' Mario Chircop eżerċenti l-kummerċ bħala MC Restorations ippreżentata fl-14 ta' Ġunju. 2022.

Ra d-dokumenti preżentati u sema' lir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda xogħol ta' restawr illi r-rikorrenti ried jagħmel fid-dar tiegħu biex jibbenefika mill-programm tal-Awtorita' tal-Ippjanar u allegatament minhabba n-nuqqasijiet tal-intimat, kien kostrett iwaqqaf ix-xogħol u li jqabbad lill-ħaddieħor.

Illi min-naħa tiegħu l-intimat irrisponda li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li tali talba għandha nieqsa ċertu formalitajiet ai termini tal-Artiklu 79 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok, huwa r-rikorrenti biss li ressaq provi in sostenn ta' dak minnu allegat fit-talba. Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll mat-talba DOK B li huwa *Condition Report* tax-

xogħolijiet li saru fuq ir-reżidenza "25, Triq Santa Monica, Żejtun" liema rapport huwa magħmul mil-Perit Luella Galea u datat 28 ta' Mejju 2020.

Illi min-naħa l-oħra, l-intimat naqas milli jressaq xrara prova in sostenn ta' dak li huwa semma' fir-risposta tiegħu.

Illi l-intimat kellu kemm-il darba ċans iressaq provi iżda dan m'għamlux.

Illi għalhekk ġialadarba l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jgħati il-verżjoni tiegħu, it-Tribunal għandu biss quddiemu il-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti bil-gurament flimkien mal-provi imressqa minnu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Karl Cassar filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Mario Chircop eżerċenti l-kummerċ bħala RC Restorations u jordna lill intimat Mario Chircop bħala operatur ta' RC Restorations biex iħallas lil Karl Cassar is-somma ta' €3,706 bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-istess intimat Mario Chicop eżerċenti l-kummerċ bħala RC Restorations.

Richard Sladden Av.
Arbitru